

Brussell, 19 ta' Lulju 2021
(OR. en)

10968/21

HYBRID 48
DISINFO 25
AG 69
CYBER 216
DIGIT 103
AUDIO 72
FREMP 216
CMPT 12

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Id-diżinformazzjoni taffettwa lill-UE: qed tiġi indirizzata iżda mhux mitigata (RS Nru 09/2021 tal-QEA) - Konklużjonijiet tal-Kunsill (19 ta' Lulju 2021)

Id-delegazzjonijiet isibu mehmużin il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-Diżinformazzjoni taffettwa lill-UE: qed tiġi indirizzata iżda mhux mitigata (RS Nru 09/2021 tal-QEA), adottati fit-3809 laqgħa tal-Kunsill fid-19 ta' Lulju 2021.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 09/2021 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, "Id-diżinformazzjoni taffettwa lill-UE: qed tiġi indirizzata iżda mhux mitigata"

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

- (1) JILQA' r-Rapport Speċjali Nru 09/2021 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri **"Id-diżinformazzjoni taffettwa lill-UE: qed tiġi indirizzata iżda mhux mitigata"** (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ **"ir-Rapport"**) u JIEĦU NOTA tas-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti fir-rigward tal-indirizzar tad-diżinformazzjoni;
- (2) IFAKKAR fil-konklużjonijiet rilevanti tal-Kunsill Ewropew¹ u tal-Kunsill², JIRRIKONOXXI l-ħtieġa li jissaħħu u jiġu estiżi aktar l-isforzi u li wieħed jibni fuq inizjattivi eżistenti kif ukoll ġodda, bħall-Pjan ta' Azzjoni għad-Demokrazija Ewropea³, il-Pjan ta' Azzjoni kontra d-Dizinformazzjoni⁴, il-Kodiċi ta' Prattika dwar id-Dizinformazzjoni⁵ u l-Pjan ta' Azzjoni Medjatiku u Awdjoviziv⁶, inkluż li jinstabu soluzzjonijiet adegwati fil-qafas tan-negozjati leġiżlattivi tal-proposta rigward l-Att dwar is-Servizzi Diġitali, u oħrajn bil-għan li jipproteġu lill-Unjoni Ewropea, l-Istati Membri tagħha, iċ-ċittadini tal-Unjoni u l-istituzzjonijiet tal-UE mid-diżinformazzjoni, u JTENNI l-ħtieġa li jiġu assistiti l-Viċinat tal-UE u l-Balkani tal-Punent fil-bini ta' reżiljenza kontra d-diżinformazzjoni u l-interferenza barranija;

¹ B'mod partikolari, il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2019, Marzu 2019, Diċembru 2018, Ottubru 2018, Ġunju 2018, Marzu 2018, Ġunju 2015 u Marzu 2015.

² B'mod partikolari, il-konklużjonijiet dwar it-tisħiħ tar-reżiljenza u l-ġlieda kontra t-theddid ibridu, inkluż id-diżinformazzjoni fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19 (ST 13626/20), il-konklużjonijiet dwar sforzi komplementari għat-tisħiħ tar-reżiljenza u l-ġlieda kontra t-theddid ibridu (ST 14972/19), il-konklużjonijiet dwar is-salvagwardja ta' sistema tal-media ħielsa u pluralistika (ST 13260/20).

³ ST 13678/20 INIT

⁴ JOIN(2018) 36 final

⁵ https://ec.europa.eu/newsroom/dae/document.cfm?doc_id=54454

⁶ COM(2020) 784 final

- (3) IFAKKAR fl-isforzi tiegħu biex itejjeb il-miżuri mmirati biex tiġi ndirizzata d-diżinformazzjoni, inkluż il-manipulazzjoni ta' informazzjoni barranija, u JTENNI l-pożizzjoni tiegħu li l-indirizzar ta' tali theddid bħad-diżinformazzjoni, filwaqt li jibqa' r-responsabbiltà primarja tal-Istati Membri f'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Diċembru 2019, jeħtieġ approċċ komprensiv tal-gvern u s-soċjetà kollha, b'kooperazzjoni u koordinazzjoni li jiffunzjonaw tajjeb, kif innutat fil-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Diċembru 2020⁷;
- (4) JENFASIZZA li l-azzjonijiet kollha dwar l-indirizzar tad-diżinformazzjoni jridu jirrispettaw id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, speċjalment il-libertà tal-espressjoni, kif ukoll id-diskors pubbliku demokratiku, filwaqt li jissalvagwardjaw l-aċċess għall-informazzjoni u l-libertà tal-media, inkluż madwar il-perijodu tal-elezzjonijiet;
- (5) JIRRIKONOXXI l-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni kontra d-Diżinformazzjoni, f'konformità mal-konklużjonijiet rilevanti tal-Kunsill, u JINNOTA li minn dak iż-żmien 'l hawn ittieħdu għadd ta' inizzjattivi, inkluż l-istabbiliment tas-Sistema ta' Twissija Bikrija li saret strument importanti għall-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri biex jiskambjaw informazzjoni u jippermettu attivitajiet konġunti, inkluż permezz ta' kooperazzjoni ma' sħab internazzjonali bħall-G7 u n-NATO;

⁷ ST 13626/20.

- (6) JIRRIKONOXXI li d-Diviżjoni tal-Komunikazzjoni Strateġika tas-SEAE u t-Task Forces tagħha (it-Task Force East StratCom, it-Task Force għall-Balkani tal-Punent, it-Task Force għan-Nofsinhar) kellhom rwol strumentali fl-appoġġ ta' sforzi usa' tal-UE biex tiġi indirizzata d-diżinformazzjoni u kkontribwixxew b'mod sinifikanti għal sensibilizzazzjoni u viżibbiltà aħjar tal-attivitajiet ta' diżinformazzjoni u narrattivi, anke permezz tal-attivitajiet tal-proġett emblematicu EUvsDisinfo, inkluż fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19, kif deskritt fil-Komunikazzjoni Konġunta tal-2020⁸, u JFAKKAR fil-pożizzjoni tiegħu, iddikjarata fil-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Diċembru 2020, li fiha l-Kunsill stieden lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Għoli biex jiżviluppaw approċċ olistiku, sistematiku u proattiv biex jiġu indirizzati l-fenomeni differenti permezz ta' sforzi komprensivi min-naħa tal-UE u l-Istati Membri li jvarjaw minn miżuri preventivi, detezzjoni, kwalifika u identifikazzjoni tas-sors, għal risponsi ta' politika adegwati u effettivi li jistgħu jimponu spejjeż fuq atturi statali u mhux statali ostili billi tinbena r-reżiljenza tas-soċjetà, tiġi protetta l-integrità tad-dibattitu pubbliku u mezzi oħra;
- (7) JIRRIKONOXXI l-isfidi li ġejjin, b'sofistikazzjoni dejjem akbar fid-diżinformazzjoni, id-diversifikazzjoni tal-atturi u l-evoluzzjoni rapida ta' teknoloġiji ġodda, u JISTIEDEN lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Għoli biex jaġġornaw regolarment lill-Kunsill dwar ix-xejriet reċenti u l-azzjonijiet meħuda biex jiġu indirizzati l-isfidi ppreżentati mid-diżinformazzjoni; f'dan il-kuntest, il-Kunsill JINNOTA li l-Pjan ta' Azzjoni għad-Demokrazija Ewropea ppreżentat fi tmien l-2020 jirrappreżenta dokument ta' politika importanti li jaġġorna aspetti tal-Pjan ta' Azzjoni kontra d-Diżinformazzjoni;
- (8) IFAKKAR fil-pożizzjoni tiegħu ddikjarata fil-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Diċembru 2020 u JISTIEDEN lill-partijiet interessati kollha involuti biex ikomplu jżidu l-isforzi tagħhom u jappoġġaw l-implementazzjoni tal-għanijiet definiti fil-Pjan ta' Azzjoni kontra d-Diżinformazzjoni, b'kont meħud tax-xenarju diġitali u tradizzjonali tal-media li qed jinbidel malajr u l-isfidi relatati, bħall-ħtieġa li jissaħħaħ aktar il-litteriżmu medjatiku u l-ħidma fuq l-istrateġija komprensiva tal-litteriżmu medjatiku u diġitali fl-UE kollha biex jissaħħu l-pluraliżmu, l-indipendenza u t-trasparenza u biex jiġu skambjati l-aħjar prattiki fost l-Istati Membri sabiex jiġi stabbilit qafas demokratiku aktar reżiljenti;

⁸ <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:52020JC0008&from=MT>

- (9) IĦEĠĠEĠ lill-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji kollha tal-UE jtejbu l-koordinazzjoni interistituzzjonali u intraistituzzjonali tagħhom sabiex jiżguraw li r-reazzjonijiet tal-UE jkunu koerenti u allinjati sew mal-oġettivi ppreżentati fil-Pjan ta' Azzjoni kontra d-Diżinformazzjoni kif ukoll ma' inizjattivi politiċi u leġiżlattivi relatati oħra tal-UE dwar l-indirizzar tad-diżinformazzjoni;
- (10) JISSOTTOLINJA l-importanza ta' monitoraġġ u evalwazzjoni xierqa tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-azzjonijiet għall-protezzjoni tal-Unjoni Ewropea, l-Istati Membri tagħha, iċ-ċittadini tal-Unjoni u l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-UE mid-diżinformazzjoni u għalhekk JISTIEDEN lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Għoli biex jikkunsidraw kif isaħħu r-responsabbiltà, inkluż il-possibbiltà li jiġi żviluppat qafas għall-informazzjoni tal-pubbliku u l-għoti tas-setgħa lis-soċjetà ċivili, flimkien mar-rappurtar lill-Kunsill, fl-implimentazzjoni ta' tali azzjonijiet;
- (11) JILQA' l-inizjattivi previsti u l-ħidma li għaddejja fil-kuntest tal-Pjan ta' Azzjoni Ewropew għad-Demokrazija bħala sforzi f'waqthom biex jiġi aġġornat il-Pjan ta' Azzjoni kontra d-Diżinformazzjoni, kif ukoll fil-qafas tan-negozjati leġiżlattivi tal-proposta rigward l-Att dwar is-Servizzi Diġitali, ITENNI l-ħtieġa li jiġi stabbilit qafas adatt, komprensiv u effettiv biex jiżdiedu r-responsabbiltà u r-responsabbiltà tal-pjattaformi online kif propost f'inizjattivi ta' politika u leġiżlattivi ġodda, u JAPPELLA għal involviment kostanti min-naħa tal-Kunsill, permezz tal-korpi preparatorji rilevanti tiegħu, fid-diskussjonijiet ulterjuri kollha msemmija hawn fuq dwar l-implimentazzjoni u l-progress ta' dawn l-inizjattivi;
- (12) JILQA' l-Gwida adottata reċentement dwar it-Tisħiħ tal-Kodiċi ta' Prattika dwar id-Diżinformazzjoni u ser jeżamina l-kontenut tal-Kodiċi ta' Prattika msaħħaħ dwar id-Diżinformazzjoni b'attenzjoni, il-Kunsill JISSOTTOLINJA f'dan il-kuntest il-ħtieġa li tissaħħaħ aktar ir-responsabbiltà tal-pjattaformi online;

- (13) JENFASIZZA għal darb'oħra l-importanza li jiġu prijoritizzati malajr l-isforzi fi ħdan l-istituzzjonijiet Ewropej rilevanti u li jiġu allokat i biżżejjed riżorsi għalihom, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Għoli, flimkien mal-Istati Membri, ikomplu jsaħħu d-Diviżjoni tal-Komunikazzjoni Strateġika tas-SEAE, inklużi r-riżorsi umani tagħha, u jiżviluppaw aktar is-Sistema ta' Twissija Bikrija bil-ħsieb li jsir l-aħjar użu minnha u tiġi stabbilita s-Sistema ta' Twissija Bikrija bħala pjattaforma komprensiva użata b'mod komuni li tippermetti l-iskambju ta' informazzjoni u għarfien, il-bini ta' networks u rispons aktar koordinat għad-diżinformazzjoni għall-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE;
- (14) IQIS li, minħabba r-rwol dejjem akbar ta' atturi ġodda wara l-kampanji ta' diżinformazzjoni, il-mandat tad-Diviżjoni tal-Komunikazzjoni Strateġika tas-SEAE għandu jiġi rieżaminat, bil-possibbiltà li jitwessa', u JINNOTA li tali rieżami għandu jkū ix-xenarju ta' theddid li qed jevolvi, inkluż l-emerġenza ta' atturi ġodda, filwaqt li jinżamm approċċ ibbażat fuq ir-riskju meta jiġu kkunsidrati l-prijoritajiet, u jiġu stabbiliti objettivi ta' politika ċari tad-Diviżjoni tal-Komunikazzjoni Strateġika tas-SEAE;
- (15) IĦEĠĠEĠ sforzi addizzjonali mill-Osservatorju Ewropew tal-Media Diġitali biex jissodisfa l-objettivi tiegħu b'mod effettiv u jikseb kopertura ġeografika aktar uniformi, u JISSOTTOLINJA l-ħtieġa għal aktar miżuri b'appoġġ għall-litteriżmu medjatiku u diġitali għall-gruppi tal-etajiet kollha, kif ukoll għall-pluraliżmu tal-media, l-indipendenza tal-media u l-verifika tal-fatti indipendenti, bil-għan li ċ-ċittadini u l-assoċjazzjonijiet tal-Unjoni jingħataw is-setgħa li jidentifikaw u jqajmu kuxjenza dwar id-diżinformazzjoni u riskji oħra maħluqa u amplifikati bl-użu ta' teknoloġiji ġodda;
- (16) JIŻGURA li l-Kunsill ser ikompli jeżamina mill-qrib u jiddiskuti l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni kontra d-Diżinformazzjoni u d-dokumenti sussegwenti fix-xhur li ġejjin, inkluż fid-dawl tal-kummenti mressqa fir-Rapport. Il-Kunsill JENFASIZZA l-importanza li jiġu indirizzati l-inizjattivi leġiżlattivi u ta' politika differenti dwar l-indirizzar tad-diżinformazzjoni fil-livell tal-UE b'mod koerenti, f'waqtu, reċiprokament komplementari u unifikat, fir-rigward tas-sovranià tal-Istati Membri, filwaqt li tiġi evitata kwalunkwe frammentazzjoni tal-politika u duplikazzjoni tal-azzjonijiet.